MINUTI

Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Santa Venera

# 9 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 15

**Il-Ħamis, 13 ta' Frar, 2020**

Il-Kunsilli Lokali Santa Venera ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, fil-7.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Dott. Darren Carabott | Kunsillier |
| Is-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sa Courtney Farrugia Darren | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa b'urġenza

**15.1 Kunsill Reġjonali Ċentru - Skema Finanzjarja 2/2019 – Skema t'għajnuna għall-Għaqdiet**

Is-Sindku informa lill-membri li wara d-deċiżjoni li ttieħdet fit-12-il laqgħa tal-Kunsill sabiex nitolbu kjarifika mingħand ir-Regjun Ċentru dwar il-ħames applikazzjonijiet li l-Kunsill irċieva mingħand l-Għaqdiet.

Il-Kunsill ġie infurmat li l-proposti li ġew ippreżentati kienu kollha tajbin u eliġibbli sabiex jibbenifikaw minn din l-iskema. Is-Sindku qal l-applikazzjonijiet kienu kif ġej

| | SPIŻA (VAT inkluza) |
|---|---|
| Santa Venera Lightnings | €4956 |
| Santa Venera Lightnings | €1912 |
| Boċċi Klabb | €3387 |
| Scouts | €1240 |
| Mużew tal-Bniet | €1050 |
| Kumitat Festi Esterni | Kwotazzjoni ma gietx ippreżentata |

Wara diskussjoni, kien hemm qbil sabiex hekk kif kien ġie deċiz fis-7 Laqgħa tal-Kunsill li prijorita' ser tingħata lil dik l-għaqda li qatt ma tkun ibbenifikat mill-ebda fondi jew għajnuna. Għaldaqstant il-Membri qablu unanimament li hemm żewġ Għaqdiet li jistghu jibbenifikaw li huma L-Scouts u l-Mużew tal-Bniet.

Il-ħlasijiet għandhom isiru mill-Kunsill Lokali u kif il-Kunsill ikollu d-dokumenti kollha meħtieġa, kopja ta' dawn għandhom jintbgħatu lir-Reġjun sabiex nirċievu l-pagament ta' €2,000

Fis-7:30pm, is-Sindku aġġorna il-laqgħa sine die.

Konfermati, illum 9 ta' Marzu, 2020

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
DeputatSegretarju Eżekuttiv